# Id-Diskriminazzjoni u l-Ibbuljar



L-aħbar tal-mewt ta’ Nigel Shelby, student ta’ 15-il sena ħasdet il-komunità ta’ Alabama fl-Istati Uniti. Huwa kien jattendi l-Iskola Huntsville High fit-tramuntana ta’ Alabama. Skont ommu Camika, Nigel neħħa ħajtu b’idejh tort tal-ibbuljar li kien isofri minn sħabu. Skont ommu Nigel kien tifel mimli ħajja, dħuli u li l-gost tiegħu kien li jagħmel kulma jista’ biex jara lil ħaddieħor jitbissem.
Nigel kien maħbub minn kulħadd u huwa kien iħobb lil kulħadd. Għal Shelby, Nigel kien “anġlu”. "Nixtieq biss li n-nies setgħu jaraw kemm kien speċjali Nigel meta kien għadu hawn fostna.”



Nigel Shelby jitbissem fl-iskola fejn kien jattendi ftit xhur qabel ma miet.

F’intervista bit-telefown ma' ABC News, Shelby ikkonfermat li l-ibbuljar u l-fastidju ta’ sħabu dwar l-orjentazzjoni sesswali tiegħu wasslu biex Nigel isibha diffiċli jaċċetta lilu nnifsu. Hija qalet li dan il-ibbuljar kien kontinwu u wassal biex Nigel sofra minn dipressjoni. "Nixtieq li seta' kien aċċettat bis-sħiħ waqt li kien hawn għaliex kien diffiċli għalih jgħix din il-mibegħda kontinwa min-naħa tal-istudenti li kienu jkunu miegħu fl-iskola. Kienet diffiċli ħafna għalih li jgħix din ir-realtà ta’ vjolenza emozzjonali u psikoloġika min-naħa ta’ xi studenti.”

Il-mewt ta’ Nigel tikxef realtà allarmanti u inkwetanti: l-istigma soċjali, abbandun mill-familja, ibbuljar, fastidju jew abbuż huma l-kawża li twassal biex madwar 40% tal-studenti omosesswali u bisesswali jikkonsidraw li jtemmu ħajjithom.

Skont Sarah McBride huwa importanti li s-soċjetà tagħna tkun konxja tal-effetti li jħallu l-preġudizzju u d-diskrimazzjoni kontra persuni l-LGBTIQ+.

M’hemm l-ebda ġustifikazzjoni li xi membru tas-soċjetà jkun iffastidjat jew iddiskriminat. Kull persuna huwa sħiħ u komplet fil-mod kif inhu u għandu kull dritt li jgħix fil-paċi irrispettivament mit-twemmin, mill-kulur, mill-ġeneru jew mill-orjentazzjoni sesswali tiegħu. Kulħadd jiggwadanja minn soċjetà ġusta fejn il-membri tagħha jħossuhom irrispettati u stmati kif inhuma. Għalhekk kulħadd huwa fid-dmir li jiġġieled id-diskriminazzjoni u l-ibbuljar. Huwa importanti nkunu magħqudin u ma naċċettaw ebda forma ta’ abbuż.

*Filmat mill-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Ibbuljar.* [https://youtu.be/e5sB7mndfrQ](https://youtu.be/e5sB7mndfrQ)

## A: Mistoqsijiet.

1. X'wassal biex Nigel ma jarax aktar skop li jgħix u jneħħi ħajtu b'idejh?

2. Xi staqsew lilhom infushom il-qraba u l-ħbieb ta' Nigel wara mewtu?

3. Skont omm Nigel, Camika x'kienet il-kawża tal-mewt ta' binha?

4. Xi kwalitajiet pożittivi kellu dan iż-żagħżugħ u li kienu apprezzati minn dawk ta' madwaru?

5. X'tip ta' vjolenza kienu qed jikkawżawlu xi wħud minn sħabu tal-iskola? X'effett taħseb li kellha din il-vjolenza fuq Nigel?

6. X'verità jikxef dan l-artiklu dwar is-sitwazzjoni ta' studenti omosesswali u bisesswali?

7. Tħoss li hemm xi raġuni li tista' titqies valida biex tiġġustifika l-abbuż?

8. Min igawdi l-aktar jekk is-soċjetà li ngħixu fiha tkun aktar ġusta? Għaliex?